MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tat-28 ta' April, 2006

Citazzjoni Numru. 1295/1995/1

**Tarcisio Parnis**

**vs**

**Edward Enriquez**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l- attur ippremetta:-

Illi fil-4 ta' April 1995 waqt li l-istanti kien isuq il-car tieghu Mercedes Taxi numru Y 0105 f'Paceville din sfat involuta f'habta ma car Honda Nurmu D 0890 u garbet hsarat;

Illi ghall-incident u konsegwenzjali danni kien jahti l-konvenut minnhaba imprudenza , negligenza, imperizja u inosservanza tar-regolarament;

Illi sallum l-istanti ghadu ma thallasx tad-danni minnu subiti;

Ghalhekk l-attur talab li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

Tiddikjarah responsabbli ghall-incident ismemmi u ghad-danni kollha li b'rizultat tal-istess sofra l-istanti;

Tikkundannah ihallas lill-istanti l-ammont hekk dikjarat bhala dovut in linea ta' danni;

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-llum lill-Assikuraturi tal-konvenut (Stephen Fava noe) u bl-imghax skont il-ligi kontra l-konvenut li gie ukoll ingunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit illi t-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes peress li l-kollizjoni in kwistjoni ma gratx minnhabba negligenza, imperizja , traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffic da parti tal-konvenut kif allegat fic-citazzjoni, izda gara tort unikament tal-attur li kontra tieghu qed jinzammu fermi d-drittijiet tal-esponenti ghar-risarciment tad-danni minnu kkawzati;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat id-digriet taghha tal-20 ta' Ottubru 1997 li bih gie nominat Alfred Camenzuli bhala espert tekniku biex jghamel stima tal-vettura in kwestjoni;

Rat ir-rapport tal-imsemmi perit tekniku debitament konfermat bil-gurament fil-kors tas-seduta tal-14 ta' Dicembru 1998;

Rat l-atti l-ohra kollha u d-dokumenti esibiti;

Semghet lill-partijiet u x-xhieda minnhom prodotti;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensur tal-konvenut;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat :

Jirrizulta li fl-4 ta' April 1995 sehh icident stradali f'Paceville li fih kienu involuti l-attur bit-taxi tieghu Mercedes numru ta' registrazzjoni Y-0105 u l-konvenut li kien qed isuq karozza Honda nurmu ta registrazzjoni D-0890;

L-attur jallega li il-konvenut hu responsabbli ghal dan l-incident u ghad-danni konsekwenzjali li huwa sofra fit-taxi tieghu. Ghalhekk l-attur qed jghamel din il-kawza, b'mod partikolari sabiex jigu lilkwidati d-danni relattivi u l-konvenut jigi kundannat ihallas id-danni hekk likwidati;

Da parti tieghu l-konvenut qed jeccepixxi li huwa mhux responsabbli ghall-kollizjoni in kwistjoni u liema kollizzjoni grat unikament tort tal-attur;

Jirrizulta sufficjentement pruvat li l-konvenut ghandu jigi rirenut responsabbli ghall-kollizzjoni in kwestjoni. Difatti jirrizulta li l-konvenut bil-vettura tieghu kien hiereg minn Gort Street Paceville bil-hsieb li jaqsam Paceville Avenue

u jibqa sejjer go Gort Street. Jirrizulta li f’dan l-inkrocju u minn fejn kien hiereg il-konvenut hemm “Stop Sign”. Minn provi prodotti, inkluz l-iskizz (fol.82), l-okkorrenza (fol.74) u l-hsarat li sofrew il-vetturi, jidher li l-konvenut ma waqafx biex jispezzjona it-triq li huwa kien ser jaqsam kif fil-fatt kien obbligat li jghamel. Il-konvenut naqas li jipproduci biex tixhed il-passiggiera li kellu mieghu fil-vettura li kien qed isuq fil-hin tal-incident. Ma jirrizulta l-ebda nuqqas da parti tal-attur li seta kkontribwixxa sabiex sehhet il-kollizzjoni;

Jirrizulta li bil-hsarat li garbet il-taxi tal-attur bhala konsegwenza ta din il-habta l-istess taxi kienet “beyond economical repair” Il-perit tekniku li gie nominat appositament biex jghamel valutazzjoni tal-vettura tal-attur li kienet involuta f’dan l-incident ikkonkluda li l-valur gust tal-vettura taxi numru ta’ registrazzjoni Y-0105 appartenenti lill-attur qabel sehh l-incident ghandhu jkun ta’ elf u tmien mitt lira (Lm1,800);

Ma jirrizulta xejn li jista jgieghel lill-Qorti li b’xi mod tbiddel jew tvarja l-imsemmija konkluzjoni tal-perit tekniku, liema konkluzjoni tidher, fic-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz, li hi gusta u ragjonevoli. Ghalhekk id-danni sofferti mill-attur bhala \konsegwenza tal-incident mertu tal-kawza ghandhom jigu likwidati fis-somma ta’ elf u tmien mitt lira (Lm1800);

Ghal dawn il-motivi kollha:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet attrici u tiddikjara l-konvenut responsabbli ghall-incident in kwestjoni u ghad-danni kollha li b’rizultat tal-istess sofra l-attur, tillikwida dawn id-danni fl-ammont ta’ elf u tmien mitt lira (Lm1800) u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur din is-soma hekk likwidata ta’ elf u tmien mitt lira (Lm1800) in linea ta’ danni u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data ta’ din is-sentenza;

Spejjez kollha kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------